# FIL-QORTI CIVILI

## SEZZJONI TAL-FAMILJA

### ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 30 ta' Ottubru, 2018**

**Rikors nru: 151/16 AGV**

A f'isimha proprju u ghan-nom tal-minuri B u permezz tad-digriet datat 14 ta' Settembru, 2016 il-minuri gie estroemess minn attur.

Vs

C, D u d-Direttur tar-Registru Pubbliku. Permezz tad-digriet tal-5 ta' Lulju, 2016 Dr.Victor Bugeja u l-PL Mario Mifsud Bonnici gew nominati bhala kuraturi ghall-istess D peress li huwa assenti. Permezz tad-digriet datat 14 ta' Settembru, 2016 il-minuri B gie kjamat fil-kawza u permezz ta' digriet datat 24 ta' Jannar, 2018 l-Avukat Simon Micallef Stafrace u l-PL Daniel Aquilina gew mahtura bhala kuraturi deputati ghal istess minuri

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti pprezentat fl-1 ta' Lulju, 2016 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-attrici A hija ta' nazzjonalita' Somala kellha u ghad ghandha relazzjoni mal-konvenut C, ragel ta' nazzjonalita' Somala li twieldet gewwa Mogadishu, Somalia;

1. Illi l-attrici kellha tifel mal-konvenut C. Dan it-tifel twieled fil-21 ta' Gunju tas-sena 2015 (vide certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala "Dok A"). L-attrici tghid li l-konvenut C huwa l-missier naturali u bijologiku taghha tal-minuri B;

2. Illi l-attrici kienet waslet Malta nhar is-27 ta' Mejju, 2012 u kienet iddikjarat li hija kienet mizzewwga lill-konvenut l-iehor D, ragel ta' nazzjonalita' Somala.

3. Illi l-attrici otteniet id-divorzju mir-ragel taghha l-konvenut l-iehor D u dan skond il-ligi Musulmana nhar l-10 ta' Awissu 2012 (vide certifikat tad-divorzju hawn anness u mmarkat bhala Dok B).

4. Illi l-ex ragel taghha l-konvenut l-iehor D kien baqa's-Somalja u qatt ma gie Malta. L-attrici fil-fatt ma tafx fejn qieghed ighix bhalissa. Fil-fatt ir-rikorrenti se tintavola rikors iehor kontestwalment sabiex jinhatru kuraturi deputati ghall-assenti konvenut D.

5. Illi l-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, minhabba l-presunzjoni li tezisti l-ligi, ma jistax inizzel lill-konvenut D bhala l-missier naturali tal-minuri B fuq l-Att tat-Twelid in kwisjoni.

6. Illi l-konvenut kien D fl-impossiblita' illi jkun il-missier naturali stante illi huwa ma kellu ebda kuntatt mal-attrici u dan mis-sena 2012.

7. Illi inoltre, l-attrici u l-konvenut C izzewwgu bir-rit Musulman hawn Malta nhar il-11 ta' Settembru, 2014 (vide document taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok "C").

8. Illi inoltre, skond id-DNA test li ghamlu l-genituri bijologici, l-attrici u l-konvenut C, jikkonferma li l-istess C huwa l-missier naturali tal-minuri B (Vide DNA test hawn anness u mmarkat bhala Dok "D").

Ghalhekk l-atturi umilment jitolbu li dina l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet fuq premessi joghgobha:-

1. Prevja kull dikjarazzjoni li dina l-Onorabbli thoss li ghandha taghti fic-cirkostanzi, tiddikjara li l-konvenut D mhuwiex il-missier naturali tal-minuri B;

2. Tiddikjara illi l-konvenut C huwa l-missier naturali u bijologiku tal-minuri B;

3. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega fl-Att tat-Twelid bin-numru 4099/2015 fis-sens li l-kunjom tal-minuri jaqra BC u mhux BD u l-isem tal-missier jaqra C (Mogadishu, Somalia) flok D jew kwalunwe korrezzjoni ohra necessarja fic-cirkostanzi;

4. Tordna lill-istess konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku halli johrog att tat-twelid iehor hekk kif korrett;

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti.

Ra r-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li eccepixxa:-

1. Illi in linea preliminari, ghall-inqas mill-atti li gew notifikati lill-esponent tidher li hemm nieqsa l-awtorizzazzjoni mehtiega, li permezz taghha A giet mahtura bhala kuratrici ad litem tal-minuri B skond id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 782 u 783 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi preliminarjament ukoll l-esponent jirrileva illi ghandhom jinhatru kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti D;

3. Illi bla hsara ghal dak suespost, l-esponent jirrileva, li din l-azzjoni hi ntempestiva, stante l-fatt li la darba skorrew iktar minn sitt xhur mit-twelid tal-minuri B, din l-azzjoni kellha tkun preceduta minn rikors quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ai termini tal-Artikolu 77C tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex, wara li din l-Onorabbli Qorti tkun semghet il-

partijiet interessati kollha u qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tal-minuri B, tinkiseb awtorizzazzjoni mill-istess Qorti ghall-procediment tal-azzjoni odjerna;

4. Illi in kwantu ghar-raba' talba tar-rikors in risposta, l-esponent jirrileva illi ma jistax johrog Att tat-Twelid iehor hekk kif korrett, izda jista' jipprovdi Att ta' Twelid annotat, fl-eventwalita' li tigi milqugha t-talba minn din l-Onorabbli Qorti.

5. Illi l-esponenti ghandu dubbji dwar l-awtenticita' ta' Dok. B anness mar-Rikors Promotur u jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tqabbad espert sabiex jezamina l-awtentiticita' ta' dan id-dokument;

6. Illi minghajr hsara ghas-suespost, l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz in kwistjoni dwar il-paternita' tal-minuri B huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi istruttorji u ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

7. Illi ghalkemm ir-rikorrenti pprezentat r-rapport ta' testijiet genetici ai termini tal-Artikolu 70 A tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, li jindika li l-missier naturali tal-minuri B huwa C, dan l-imsemmi rapport jonqos li jigi mahluf mit-tekniku Dr. Marisa Cassar.

8. Illi bla hsara ghas-suespost, f'kaz li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponenti tistieden lill-konvenut C, sabiex jipprezenta d-dettalji personali kollha tieghu, permezz ta' nota li tisspecifika senjtatament (1) in-numru tal-karta ta' identita', (2) ismu u kunjomu, (3) l-eta' tieghu meta twieled il-minuri B, (4) il-post tat-twelid tieghu, (5) il-post ta' residenza tieghu meta twieled l-imsemmi minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieled il-minuri B. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Att tat-Twelid fuq riferit B, bin-numru ta' registrazzjoni progressiv erbat elef u disgha u disghin (4099) tas-sena elfejn u hmistax (2015);

9.Illi bla pregudizzju ghal premess, f'kaz li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponent jirrileva illi l-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandu jassumi l-minuri B a tenur tal-Artikolu 77C tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;

10.Illi subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost, f'kaz li dina l,-Onorabbli Qiorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, din l-Onorabbli Qorti ghandha tordna li jigu mnehhija l-kelmiet "the said" li jinsabu qabel isem D, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm mill-Att tat -Twelid ta' B, bin-numru ta' registrazzjoni progressiv erbat elef u disgha u disghin (4099) tas-sena elfejn u hmistax (2015);

11.Illi bla pregudizzju ghal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assogettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

12.Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjes.

Rat in-nota tal-intimat C fejn eccepixxa:-

1. Illi qieghed jaqbel mat-talbiet tar-rikorrenti fir-rikors guramentat taghha; u
2. Konsegwentement qed jammetti l-istess talbiet sa fejn dawn jistghu jolqtu lilu.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati Dr.Victor Bugeja et. fejn eccepew:-

Illi l-eccipjent ma huwiex edotti mill-atti premessi mal-kawza u ghalhekk qiedghin jirriservaw illi jwiegbu ulterjorment fi stadju ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat l-affidavit tar-rikorrenti li twieldet fil-5 ta' Mejju, 1983, f'Mogadishu, is-Somalia u kienet izzewwget lil D. Kienet giet Malta wahedha fis-27 ta' Mejju, 2012, izda l-intimat ma kienx gie maghha. Jirrizulta li kienet iddivorzjat minn mieghu skond il-ligi Islamika fl-10 ta' Awissu, 2012.[1]

Ir-rikorrenti tispjega kif meta giet Malta kienet inghatat Protezzjoni Sussidjarja da parti tal-Kummissarju tar-Refugjati (kaz numru 12860/12). Tghid li kellha u ghad ghandha relazzjoni ma' C, ta' nazzjonalita' Somala ukoll u kellhom tifel B li twieled fil-21 ta' Gunju, 2015, izda peress li kienet

[1] Ara Dok.B a fol7 tal-process.

iddikjarat li kienet mizzewwga, it-tifel gie rregistrat fuq isem D bhala missieru naturali u kien ha kunjomu ukoll.

Ir-rikorrenti tistqarr li kienet haga impossibbli li t-tifel B kien wild tal-intimat D u dan peress li kien ilha ma jkollha kuntatt mieghu sa mis-sena 2012. Fuq kollox tghid li hi kienet izzewwget lill-intimat C bir-rit Musulman fil-11 ta' Settembru, 2014 hawn Malta.

Inzammew it-testijiet ta' DNA fejn gie kkonfermat li l-intimat C huwa l-missier naturali u biologiku tal-minuri B. Ghalhekk fethet dina l-kawza sabiex issir din id-dikjarazzjoni u jsiru l-korrezzjonijiet fl-Att tat-Twelid.

Rat in-Nota tar-Rikorrenti fejn elenkat l-korrezzjonjiet li kienet qed tippretendi li jsiru fl-Att tat-Twelid tal-minuri B li jgib in-numru progressiv ta' iskrizzjoni 4099/2015. Il-korrezzjonjiet mitluba huma s-segwenti:-

(i) Fil-kolonna fejn jidher l-isem jew ismijiet kif ghandha tissejjah it-tarbija titnehha l-kunjom D u minflok tigi korretta bil-kunjom C u b'hekk tigi tinqara BC ;

(ii) Fil-linja fejn jidhru t-taghrif fuq missier it-tarbija, l-isem u kunjom tal-missier it-tarbija, l-isem D jigi sostitwit bl-isem C;

(iii) Fil-linja fejn jidhru t-taghrif fuq missier it-tarbija, ma hemmx indikazzjoni tad-dokument tal-identita' u ghalhekk irid jigi inserit in-numru tal-karta ta' identita' tal-missier naturali u cioe' ID 0078541A;

(iv) Fil-linja fejn jidhru t-taghrif fuq il-missier it-tarbija, l-eta' tal-missier meta twieldet it-tarbija, 36 jigi sostitwit bi 27 (l-eta' tal-missier meta twieled it-tarbija).

(v) Fil-linja fejn jidhru t-taghrif fuq missier it-tarbija, l-post ta' fejn kien joqghod il-missier meta twieldet it-tarbija kien hemm miktub "Mogadishu, Somalia" u dan ghandu jigi sostitwit bil-kelma "*Birzebbuga*;"

(vi) Fil-linja fejn jidhru t-taghrif fuq missier it-tarbija, il-post tat-twelid *Mogadishu, Somalia* , dan jista' jibqa' l-istess ghaliex il-missier naturali twieled il-Mogadishu.

(vii) Fil-kolonna "isem u kunjom tal-missier u jekk hux haj jew mejjet" il-kliem D (don't know whether living or dead) jigi sostitwit bil-kliem C (Alive).

Ikkunsidrat.

**<u>Il-Fatti</u>**

1.Ir-rikorrenti, li kienet telqet mis-Somalia, giet Malta fis-27 ta' Mejju, 2012 u kienet iddivorzjat minn ma' zewgha D fl-10 ta' Awissu, 2012.

2.Kienet izzewwget lil C bir-rit Musulman fil-11 ta' Settembru, 2014.

3. Kien impossibbli li dan it-tifel minuri kien bin D, minkejja li fic-certifikat tat-twelid hekk kien jirrizulta, ghaliex kienet ilha ma tarah mis-sena 2012 u lanqas ma kienet taf x'kien sar minnu.

4.Illi mit-testijiet tad-DNA l-intimat C kien ikkonfermat bhala l-missier naturali u biologiku tal-minuri B u dan fuq rapport ta' Dr. Marisa Cassar.

5.Ir-rikorrenti ghalhekk talbet li jsiru l-korrezzjonjiet relattivi fic-certifikat tat-twelid numru 4099/2015 skond in-nota li pprezentat.

Ra l-affidavit u r-rapport ta' Dr. Marisa Cassar li kkonfermat li Paul Sultana kien ghaddielha l-kampjuni orali (buccal swabs) tar-rikorrenti, tal-minuri B u tal-intimat C sabiex

isiru t-testijiet tad-DNA, liema testijiet ikkonfermaw li C huwa l-missier naturali u biologiku tal-minuri.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Id-Direttur tar-Registru Pubbliku qajjem diversi eccezzjonjiet preliminari, li jridu jigu sorvolati qabel ma' din il-Qorti tkun tista' tghaddi biex tikkunsidra l-mertu tal-kaz.

**<u>L-Ewwel Eccezzjoni</u>**

Peress li l-minuri gie estromess milli jkun rikorrent fil-kawza permezz ta' digriet ta' dina l-Qorti fl-14 ta' Settembru, 2016, u minflok gie kjamat fil-kawza, bin-nomina ta' kuraturi, dina l-eccezzjoni giet sorvolata u dina l-Qorti mhux se tiehu aktar konjizzjoni taghha.

**<u>It-Tieni Eccezzjoni</u>**

Peress li inhatru kuraturi deputati Dr.Victor Bugeja u l-PL Daniel Aquilian, permezz tad-digriet ta' dina l-Qorti datata 5 ta' Lulju, 2016 biex jirrapprezentaw lill-assenti, din l-eccezzjoni ukoll giet sorvolata u ghalhekk dina l-Qorti mhix se tiehu aktar konjizzjoni taghha.

**<u>It-Tielet Eccezzjoni</u>**

Jirrizulta li permezz ta' rikors datat 7 ta' Settembru, 2016, ir-rikorrenti talbet biex tigi awtorizzata tipprezenta l-azzjoni odjerna peress li kienu skadew is-sitt xhur minn meta twieled il-minuri u dan ai termini tal-Artikolu 77C tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

B'digriet tat-22 ta' Novembru, 2016, l-istess Qorti laqghet it-talba attrici u ghaldaqstant din l-istess eccezzjoni giet sorvolata ukoll.

Dwar ir-raba' talba, il-Qorti se tikkunsidraha mal-mertu tal-kaz.

Dwar il-hames talba ma jirrizultax li ngabu provi f'dan is-sens mid-Direttur tar-Registru Pubbliku u ghaldaqstant il-Qorti mhix se tiehu konjizzjoni taghha.

**<u>Konsiderazzjonijiet Legali</u>**

Il-kawza odjerna hija msejsa fuq l-**Artikolu 77B et sequitur tal-Kap. 16** tal-Ligijiet ta' Malta fejn omm il-minuri fethet kawza fejn qed tiddikjara li zewgha mhux missier it-tifel ghandha tinghata konsiderazzjoni fil-kawza li tkun tirrigwarda l-eskluzjoni tal-paternita' tar-ragel. Il-provi jistghu jkunu ukoll testijiet genetici u xjentifici li jeskludu dik il-paternita', kif ukoll li kien hemm l-impossibilita' fizika, li ghammru flimkien hi u r-ragel bejn it-300 u l-180 jum qabel it-twelid tal-minuri.

Dwar il-pussess tal-Istat ta' Wild Legittimu l-**Artikoli 80 u 81 tal-Kap 16** jipprovdu kif gej:-
**Artikolu 80**:

(1) Il-pussess tal-istat ta' iben legittimu jigi stabbilit minn gabra ta' fatti li, mehudin flimkien, jiswew biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jghid li hi l-familja tieghu.

(2) L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:

(a) illi t-tifel ikun gieb dejjem il-kunjom tal-missier li tieghu hu jghid li hu l-iben;

(b) illi l-missier ikun ittrattah bhala ibnu, u, f'dik il-kwalita', haseb ghall-manteniment u edukazzjoni tieghu, u sabiex jikkollokah;

(c) illi t-tifel ikun gie dejjem maghruf bhala tali man-nies;

(d) illi huwa jkun gie maghruf bhala tali mill-familja.

L-**Artikolu 81 tal-Kap 16** jipprovdi illi:-

(1) Hadd ma jista jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtuh l-att tat-twelid bhala iben mnissel jew imwieled matul iz-zwieg u l-pussess ta' stat li jaqbel ma dak l-att.

(2) Hekk ukoll, hadd ma jista' jattakka l-istat ta' iben imnissel jew imwieled matul iz-zwieg li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel mal-att tat-twelid tieghu.

Fejn il-filjazzjoni legittima tkun pruvata bl-att tat-twelid u bil-pussess ta' stat konformi ghal dak l-att, "*l'azione di contestazione dello stato di figlio legittimo e' inamissibile*" (**Vol.XXIX P1 p 427**). Il-presunzjoni stabbilita bl-Artikolu 67 tal-Kodici Civili hi li "*l-iben mnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu*". Jinsab pacifikament stabbilit illi *"din il-presunzjoni m'hijiex assoluta, imma biss 'juris tantum' u ssir 'juris et de jure' meta l-istat ta' tifel legittimu jirrizulta mhux biss mill-att tat-twelid, imma ukoll mill-pussess ta' stat konformi ghal dak l-att".* (**Vol. XXXVII P II p 768**).

Dan ifisser li meta z-zewg estremi imsemmija fl-Artikolu 81 tal-Kap 16, cioe' l-att tat-twelid u l-pussess ta' stat, ma jikkonkorrux flimkien l-presunzjoni ma tibqax assoluta u, f'dak il-kaz, l-paternita' legittima rizultanti mill-att tat-twelid tista' tigi eskluza bi provi kif jistabilixxi l-Artikolu 82 tal-Kodici Civili.

Bl-azzjoni proposta l-attur qed jattakka l-presunzjoni stabbilita bl-Artikolu 67 tal-Kodici Civili li meta tarbija titwieled minn mara mizzewga li tkun ikkoncepiet lit-tarbija matul iz-zwieg, il-presunzjoni legali hi, eccetto l-eccezzjonijiet kontemplati mill-ligi, illi l-wild huwa iben ir-ragel tal-omm li weldet it-tarbija.

L-**Artikolu 67 tal-Kap. 16** jipprovdi illi:-

"L-iben imnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu".

Ghal-ligi taghna, l-omm tat-tarbija hija dejjem l-omm li weldet it-tarbija, "**mater semper certa est".** Il-ligi nostrana ma tikkonsidrax b'mod legger talbiet sabiex isir tibdil fl-att tat-twelid ta' persuni mwielda fiz-zwieg. Fil-kawza fl-ismijiet "**Anthony Grima vs Josianne Grima et**", kawza ta' denegata paternita', deciza mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' April 2012 ntqal:-

*"L-azzjoni tallum hija mahsuba mhux biss biex iccahhad lill-ulied mill-istat ta' wlied imnissla matul iz-zwieg izda ukoll biex iccahhadhom mill-familja li fiha illum trabbew, interess li ukoll irid ihares l-artikolu 81(2) (Kap.16), u huwa ghalhekk illi l-ligi ma tridx li tinbidel is-sitwazzjoni ta' min tnissel fiz-zwieg u ghandu stat li jaqbel ma' dak li jghid l-att tat-twelid tieghu".*

Fil-kawza fl-ismijiet " **Diane Lia noe vs Mohamed Melikechi et**" deciza mil-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Dicembru 2002 intqal:-

*"Dwar il-filjazzjoni naturali l-Kodici Civili taghna jikkontempla dawn il-kategoriji ta'azzjonijiet:- (a) L-azzjoni ta' diskonoxximent jew 'denegata paternita' li l-ligi tirrizerva biss lir-ragel ta' omm it-tifel (Artikolu70); (b) L-impunjattiva tal-istat legittimu prospettata fl-Artikoli 76 u 77, li hi moghtija b'mod generali lil kull min ghandu interess fil-kazijiet f'dawn id-disposizzjonijiet kontemplati. Tali azzjoni ssir ukoll fil-konfront tat-tifel jekk maggorenni jew fil-konfront ta' kuraturi f'kaz li t-tifel ikun minorenni jew mhux tajjeb biex joqghod f'kawza (Artikolu 75); (c) Ir-ricerka tal-paternita' li hi moghtija lit-tifel (Artikolu 84) u estiza ukoll lid-dixxendenti jew eredi tieghu kif hekk previst fl-Artikolu 85".*

Fil-kaz odjern, ir-rikorrenti, omm il-minuri, qed tipprocedi b'din l-azzjoni sabiex C jigi ddikajarat bhala missier naturali u biologiku tal-minuri B. Waslet Malta mis-Somalia f'Mejju, 2012 u kienet iddivorzjat minn ma' zewgha D f'Awissu, 2012 mill-Qorti Regjonali ta' Mogadishu u dan peress li l-istess zewgha ma kienx gie Malta. [2]

Mill-provi jirrizulta ukoll li mis-sena 2012, ir-rikorrenti qatt ma kellha kuntatt mal-intimat zewgha u fil-fatt kienet qabdet relazzjoni mal-intimat C u kienu zzewwgu fil-11 ta' Settembru, 2014 u kellhom it-tarbija B li twieled fil-21 ta' Gunju, 2015.

Ir-rikorrenti pproduciet it-testijiet tad-DNA li saru minn Dr.Marisa Cassar, fejn gie kkonfermat li C huwa l-missier naturali u bijologiku tal-minuri B.

Madanakollu, il-ligi stess, minkejja li dejjem ghandha l-interess li zzomm l-istat tal-minuri stabbli u ma ccahhadix mill-familja li fiha kienet qed titrabba, pero', ir-rikorrenti ipprezentat il-konkluzzjonijiet tat-testijiet tad-DNA mhejjin minn Dr.Marisa Cassar, fejn indubbjament, l-minuri B jirrizulta bin C u ghalhekk inevitabbilment, il-presunzjonji legali taht l-Artikolu 81 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta giet meghluba.

---

[2] Ara Dok.B a fol.7 tal-process.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrent u tiddikjara li l-minuri B mhux l-wild naturali u bijologiku tal-intimat D;

2. Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti u tiddikjara lil C huwa l-missier naturali u bijologiku tal-minuri B;

3. Tilqa' t-tielet talba fis-sens li tordna s-segwenti korrezzjonijiet fic-certifikat tat-twelid:-

(i) Fil-kolonna fejn jidher l-isem jew ismijiet kif ghandha tissejjah it-tarbija titnehha l-kunjom D u minflok tigi korretta bil-kunjom C u b'hekk tigi tinqara BC ;

(ii) Fil-linja fejn jidhru t-taghrif fuq missier it-tarbija, l-isem u kunjom tal-missier it-tarbija, l-isem D jigi sostitwit bl-isem C;

(iii) Fil-linja fejn jidhru t-taghrif fuq missier it-tarbija, ma hemmx indikazzjoni tad-dokument tal-identita' u ghalhekk irid jigi inserit in-numru tal-karta ta' identita' tal-missier naturali u cioe' ID 0078541A;

(iv) Fil-linja fejn jidhru t-taghrif fuq il-missier it-tarbija, l-eta' tal-missier meta twieldet it-tarbija, 36 jigi sostitwit bi 27 (l-eta' tal-missier meta twieled it-tarbija).

(v) Fil-linja fejn jidhru t-taghrif fuq missier it-tarbija, l-post ta' fejn kien joqghod il-missier meta twieldet it-tarbija kien hemm miktub "Mogadishu, Somalia" u dan ghandu jigi sostitwit bil-kelma "*Birzebbuga*;"

(vi) Fil-linja fejn jidhru t-taghrif fuq missier it-tarbija, il-post tat-twelid *Mogadishu, Somalia* , dan jista' jibqa' l-istess ghaliex il-missier naturali twieled il-Mogadishu.

(vii) Fil-kolonna "isem u kunjom tal-missier u jekk hux haj jew mejjet" il-kliem D (don't know whether living or dead) jigi sostitwit bil-kliem C (Alive).

4. Tilqa' r-raba' talba tar-rikorrenti, fis-sens li ghandhom isiru l-korrezzjonijiet opportuni.

5. Tilqa' l-ghaxar talba tad-Direttur tar-Registru Pubbliku.

L-ispejjes ghandhom jigu ssopportati mir-rikorrenti.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**